# Animazzjoni - Ħadd il-Palm (Sena Ċ)

**Dħul:**

Ilum aħna u nfakkru Ħadd il-Palm, ninsabu propju fl-aħħar jiem tar-Randan. Ninsabu fil-bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa, li għalina l-Insara hi l-akbar ġimgħa. Fil-Liturġija tal-lum naraw li minkejja d-daħla trijonfali tiegħu, Kristu kien jaf li kien riesaq lejn is-siegħa tiegħu, siegħa li kienet ta' glorja tassew, imma li kienet differenti minn dak li kienu qed jaħsbu l-bnedmin.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma ta' dan il-Ħadd, il-Knisja titfa' ħarsitha fuq l-proklamazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej Ġesù. Illum se nisimgħu r-rakkont tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù skont San Luqa u se naraw kif Ġesù daħal fit-triq tat-tbatija biex jasal għall-Glorja. Nisimgħu il-Kelma ta' Alla.

**Salm Responsorjali:** Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?

(Xħin tinqara l-biċċa "Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu." L-animatur jgħid: "Ninżlu għarkupptejna u nżommu ftit ħin ta' skiet sabiex naduraw il-mewt ta' Kristu.")

**Offertorju:**

B'fiduċja kbira li Alla se jbiddlilna n-niket tagħna f'ferħ, ejjew inpoġġu l-offerta tagħna mimlija ferħ u niket mal-offerta ta' Sidna Ġesù fuq is-salib.

Inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Nersqu biex nirċievu lil Ġesù taħt il-forma tal-ħobż u l-inbid fi spirtu ta' talb u ta' ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.